MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2069/2003

**Vanguard Billiard Tables Ltd**

**vs**

**Mark sive Marco Attard**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta’ Otturbu 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tnejn u disghin lira Maltin (Lm92.00) rapprezentanti l-import ta’ erbgha (4) kambjali ta’ l-import ta’ tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm23.00), iffirmati mill-konvenut favur is-socjeta attrici fl-24 ta’ Settembru 2002 (kopja taghhom annessa mal-Avviz u mmarkati Dok A1 sa Dok A4) u liema kambjali ghalkhemm immaturaw ghdahom sal-lum ma thallsux.

Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali ta’ tmienja fil-mija (8%) mid-data tal-maturar ta’ kull kambjala sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta’ Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tnejn u disghin lira Maltin (Lm92.00), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------